(34) **Lehen Il-Malti** (Universita'). No. 17, p. 12, 1932.
(35) Manuskritt, op. cit.
(36) **Lehen Il-Malti** (Universita'), Numru Speċjali, p. 14, 1962
(37) Manuskritt, op. cit.
(38) **Ħabbar ta' Sant' Antnin,** Mejju 1918.
(39) **Ħabib,** Frara 1920
(40) **Vassallo K — "Vatum Consortium"**, Dar ta' San Ċużepp, p 546, 1969.
(41) Ibid.
(42) **Il-Ħabib,** Diċembru 1920.
(43) **Almanakk Demokratiku,** 1925.
(44) **Malta Letteraria** — "Lingua Nostra", Empire Press, p. 1734, 1932.
(45) **Pronostku** 1926.
(46) **Vassallo K.,** op. cit., p. 305.
(47) **Aquilina G., "Il-Muża Maltija"**, Aquilina, p. 108, 1964.
(48) Manuskritt, op. cit.
(49) **Aquilina G.,** op. cit, 107.
(50) **"Tagħlim Il-Malti Fl-Imgħoddi u L-Lum"**, Lux Press. 1932.
(51) Manuskritt ta' **F.S. Caruana,** mhux ippublikat — "Kelmtejn ras ma' ras ma' Ninu Cremona f'egħluq il-85 sena tiegħu.
(52) Biċċa mill-ittra tas-Sur Zarb Adami lil mart il-mejjet F.S. Caruana, wara mewtu.

# ŻEWĠ DEMGĦAT

**Ta' Pawlu Cachia**

Rajt żewġ demgħat jaħarqu
iġelbnu mal-ħaddejn
bin-niket ta' l-imħabba
li deh'r fi ħbub għajnejn
ta' omm b'qalbha maqsuma
għal binha hekk marid
li ħalla dar twelidu
bla taf meta mill-ġdid
jitgħannaq hieni magħha
imfejjaq u felħan;
it-tama żżid titbiegħed
ħid-dell ta' bla fejqan.
Il-ħila ta' kull bniedem
ma tista' tagħmel xejn
biex tnissel frott is-saħħa;
is-sliem jiddi fl-għajnejn.



Il-ġranet gerrbu u taru;
it-tfajjel dam l-isptar
sa feġġet tama ġdida
li setgħet tieħdu d-dar.

Rajt żewġ demgħat jaħarqu
iġelbnu mal-ħaddej
mimlija ħajr u barka
f'sedq u sliem 'il-Mulej.

22.7.70

# MONS. PROF. P.P. SAYDON

**Ta' Dun Karm Sant**

Nhar it-Tnejn filgħodu, 22 ta' April, 1971, xterdet l-aħbar li kien miet Mons. Prof. P.P. Saydon. Kienet aħbar ħażina għal Malta kollha iżda l-iktar għal dawk li jħobbu l-istudju, speċjalment tal-Kotba Mqaddsa u l-Malti. Mons. Saydon kien Membru Akkademiku ta' l-Akkademja sa mill-bidu nett, u dan l-aħħar President Onorarju għal ħafna snin.

Twieled iż-Żurrieq fl-24 ta' Lulju 1895. Studja l-iskola tal-Gvern tar-raħal, mnejn għadda għas-Seminarju Veskovili fl-1908; fl-1910 għadda mill-eżami tal-Matrikola. Daħal l-Università Rjali ta' Malta fejn studja Letteratura, Filosofija u Teoloġija u ħa l-gradi ta' B.Lit., B.L. Can., u D.D. u kien ordnat qassis fl-1919. Għamel studji ta' l-Iskrittura fl-Istitut Bibliku (1920-23) u ħa l-Liċenza fl-Istudji Bibliċi (Lic. S.S.). Fl-1931 kien maħtur Professur ta' l-Iskrittura, Lhudi u Grieg Bibliku fl-Università ta' Malta u hemm dam igħallem sas-sena 1964. Kien innominat Kamrier Sigriet tal-Qdusija Tegħu l-Papa bit-titolu ta' Monsinjur. Fl-1960 l-Università onoratu bil-grad ta' D. Lit (Hon. Causa) b'rikonoxximent tal-ħidma xjentifika tiegħu, speċjalment it-traduzzjoni tal-Bibbja.

Mons. Saydon kien iħoss li l-vokazzjoni tiegħu kienet l-istudju speċjalment tal-Kotba Mqaddsa u l-filoloġija tal-Malti. Għaliha issagrifika kollox. Kien ġej u sejjer barra biex jieħu sehem f'Kungressi u laqgħat internazzjonali ta' studju. Għalhekk kien magħruf sewwa fost l-istudjużi ta' barra. Kien Membru ta' għadd ta' għaqdiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istudju tal-Kotba Mqaddsa bħalma huma: il-**Catholic**